# Tisħiħ tal-involviment

## VS-2018-0043

# Leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-Informazzjoni u l-konsultazzjoni f'Malta

*Rapport tal-Pajjiż*

UHM Voice of the Workers

Dar Reggie Miller

St Thomas Street

Floriana FRN 1032

Malta

Floriana, 15 ta' Ottubru 2018

**Il-proġett TISĦIĦ TAL-INVOLVIMENT (DĠ Impjiegi-VS/2018/0043). Dan il-proġett ġie ffinanzjat b'appoġġ mill-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni [komunikazzjoni] tirrifletti biss il-ħsibijiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kull użu li jista' jsir mill-informazzjoni li fiha.**

Id-**Direttiva Ewropea 2002/14/KE** tistabbilixxi qafas legali ġenerali biex jiġu infurmati u kkonsultati l-impjegati, u tagħmlu rekwiżit li l-impjegaturi jinfurmaw u jikkonsultaw lill-impjegati u lir-rappreżentanti tal-ħaddiema fi tliet oqsma speċifiċi:

- l-iżvilupp reċenti u probabbli tal-intrapriża;
- is-sitwazzjoni, l-istruttura u l-iżvilupp probabbli tal-impjieg;
- deċiżjonijiet li probabbli jwasslu għal tibdil sostanzjali fl-organizzazzjoni tax-xogħol jew fir-relazzjonijiet kuntrattwali.

Id-Direttiva kienet trasposta fil-Liġi Maltija permezz ta' Avviz Legali 10 tal-2006. Id-dispożizzjonijiet tad-direttiva japplikaw għal intrapriżi b'50 ħaddiem jew aktar, eskluż dawk li jaqgħu taħt l-Att dwar il-Vapuri Merkantili.

L-avviż legali jispeċifika:

- Il-kompiti kollha għall-impjegaturi
- L-istandards minimi għall-provvista ta' informazzjoni u konsultazzjoni
- Id-drittijiet u l-obbligi għar-rappreżentanti tal-ħaddiema

L-Avviż Legali jistabbilixxi li l-impjegati jistgħu jirreferu t-tilwim relatat ma' dan ir-regolament lit-Tibunal Industrijali.

Id-**Direttiva Qafas dwar l-OSH 89/391/KEE** hi l-Leġiżlazzjoni ewlenija għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema dwar l-OSH fuq livell Ewropew u ġiet trasportata f'Malta meta l-Att għall-Promozzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ġiet revokata u sostitiwta bl-Att aġġornat nru. XXVII tas-sena 2000, magħruf bħala l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Is-sistema tal-OHSA hi bbażata ħafna fuq il-kunċett ta' djalogu soċjali tripartitiku.

**Livell trans-industrijali**

F'Malta hemm tliet bordijiet konsultattivi tripartitiċi stabbiliti bl-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali:

1. il-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi
2. il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali
3. l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

## 1. il-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi

Il-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi (ERB) iservi bħala grupp tripartitiku konsultattiv għall-gvern dwar diversi kwistjonijiet leġiżlattivi dwar ix-xogħol bħal kwistjonijiet relatati mal-impjiegi kemm fuq livell settorali u dak nazzjonali. Dawn jinkludu l-ħlasijiet tal-pagi, is-sahra, il-vaganzi u l-ħinijiet tax-xogħol.

Dan hu kompost mnn 12-il membru u jirregola l-proċeduri tiegħu stess u jinkludi Chairperson indipendenti separat. Il-Gvern japponta erba' rappreżentanti, jiġifieri id-Deputat Chairperson u tliet membri oħra maħtura minnu. Erba' rappreżentanti huma rappreżentanti tal-ħaddiema u l-erba' rappreżentanti l-oħra jirrappreżentaw lill-impjegaturi.

## 2. Il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali

L-MCESD (il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali) jikkonsulta u jagħti pariri lill-Gvern dwar żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli għal Malta. Dan jipprovdi wkoll forum għal djalogu soċjali u għall-konsultazzjoni bejn l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili xierqa. Dan twaqqaf fl-1988 iżda ngħata status legali biss permezz tal-Att XV (Kapitolu 431) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali 2001.

Bħalissa l-Kunsill jinkludi 20 membru, immexxija minn Chairperson appuntat mill-Prim Ministru b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-impjegaturi u tal-unjins fuq il-Kunsill. Id-Deputat Chairperson hu s-Segretarju Permanenti Ewlieni tas-Servizz Pubbliku. Erba' ministeri tal-gvern għandhom is-Segretarji Permanenti tagħhom rappreżentati fuq il-Kunsill. L-impjegaturi huma rappreżentati mill-Presidenti tal-ħames organizzazzjonijiet ewlenin tal-impjegaturi. Il-kumplament huma rappreżentanti tad-diversi trejdjunjins Maltin.

Il-Kunsill iservi bħala għodda għall-analiżi u fejn xieraq, bħala katalist għall-bidla. Dan jiffoka fuq kwistjonijiet li jappartjenu għar-rilevanza ekonomika u soċjali billi jiġbor flimkien lill-Gvern, lill-Impjegaturi u lill-Ħaddiema biex jiżgura li l-interessi tal-partijiet kollha jkunu rappreżentati. It-temi diskussi mill-Kunsill huma pproposti mill-Imsieħba Soċjali, u għalhekk, jikkonsistu fi kwistjonijiet kontemporanji tal-post tax-xogħol. Fl-istess waqt, il-Gvern permezz tar-rappreżentanti tiegħu jipproponi diskussjonijiet li jiffurmaw il-bażi tal-politika nazzjonali.

## 3. L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) tfittex li tiżgura li l-Att XX VII (2002) tal-OSHA, li jistabbilixxi l-istandards għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà, qed ikun rispettat.

L-OHSA hi komposta minn disa' membri mmexxija minn Kap Eżekuttiv. Ħamsa huma uffiċjali tal-gvern, waqt li tnejn jirrappreżentaw l-interessi tal-impjegaturi u tnejn oħra l-interessi tal-ħaddiema. Dawn huma appoġġjati minn eżekuttiv li jinkludi 25 membru ieħor.

Il-funzjonijiet tal-OHSA jinkludu: it-twaqqif ta' strateġiji konsultattivi dwar politiki nazzjonali rigward tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; l-għoti ta' pariri lill-gvern dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol f'regolamenti relatati; jippromwovi t-tixrid ta' informazzjoni u tal-aħjar prattika relatata mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u jagħmel investigazzjonijiet dwar inċidenti jew materji relatat mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol [OHSA Malta]. Il-ħidma tal-OHSA hi miġbura skont ħames oqsma ewlenin:

- il-kostruzzjoni, il-barrieri u l-estrazzjoni minerali;
- il-makkinarju, l-apprat, l-impjant u l-installazzjoi inluż il-Kontroll ta' Perikli minn Inċidenti Kbar (COMAH);
- l-aġenti kimiċi u bijoloġiċi;
- il-protezzjoni mir-radjazzjoni;
- l-investigazzjoni ġenerali u ta' inċident.

Matul il-proċess tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, bjen l-1999 u l-2003, il-Gvern Malti waqqaf il-Malta-EU Steering and Action Committee (MEUSAC) biex iservi bħala punt fokali li jagħti opportunità lis-soċjetà ċivili u lill-imsieħba soċjali biex jiffurmaw il-pożizzjoni ta' Malta fuq diversi apetti tal-acquis.

Il-MEUSAC reġa' ġie attivat fl-2008 u l-Gvern Malti identifika tliet funzjonijiet ewlenin: informazzjoni dwar materji, konsultazzjoni u l-appoġġ għall-iffinanzjar mill-UE.

Il-MEUSAC imexxi proċess ta' konsultazzjoni strutturata primarjament permezz tal-grupp ewlieni tiegħu, tal-kumitati settorali tiegħu u permezz ta' konsultazzjoni miftuħa. Il-MEUSAC jinvolvi uffiċjali għolja tal-gvern, rappreżentanti tal-Parlament Nazzjonali u Ewropew u ta' korpi ta' Konsulenza tal-UE, il-korpi kostitwiti, is-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħrajn.

Fit-30 ta' Mejju, il-MEUSAC twaqqaf bħala Aġenzija skont it-termini tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblike (A.L. 154/2017).

Hu importanti li nsemmu lill-MEUSAC għaliex dan hu forum attiv b'poteri estensivi u effettivi ta' konsultazzjoni fejn it-trejdjunjins għandhom rwol attiv flimkien ma' partijiet interessati oħra, biex tiġi ddefinita l-pożizzjoni ta Malta vis-à-vis direttivi ġodda jew ta' politiki oħra li qed jiġu diskussi fil-livell tal-UE. Dan hu mod effettiv għall-unjins biex isemmgħu l-vuċi tal-ħaddiema dwar materji li se jkollhom effett dirett fuq ir-relazzjonijiet tax-xogħol.

**Rakkomandazzjonijiet**

- It-trejdjunjins għandhom ikunu infurmati aħjar dwar id-drittijiet tagħhom għal informazzjoni u konsultazzjoni

- Studji tal-każijiet li juru riżultati pożittivi u negattivi tal-informazzjoni u tal-konsultazzjoni huma utli ħafna
- Laqgħat u workshops internazzjonali li jippermettu l-iskambju ħieles ta' opinjonijiet u ta' esperjenzi jistgħu jkollhom rwol pożittiv fil-ġenerazzjoni ta' ideat ta' kif wieħed jista' jiffaċċja ħafna problemi komuni.